# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2022**

**Rikors Numru 1073/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Matthew Camilleri (I.D. 342190M)**
**Carmelo Camilleri (I.D. 627963M)**
**Vincent Camilleri (I.D. 219365M)**
**Alfred Camilleri (I.D. 199570M)**
**Carmelo Camilleri (I.D. 629553M)**

**Vs**

**Carmel Muscat (I.D. 191158M)**
**Mark Paul muscat (I.D. 318085M)**
**Carmelo Galea (I.D. 28443M)**
**Joe Galea (I.D. 251579M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 29 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

    1. *Ir-rikorrenti għandhom fil-pussess tagħhom għalqa ġewwa l-Għemmieri, fil-limiti tar-Rabat, liema għalqa hija mogħnija b'miġra tal-ilma, illi ilhom jużaw għal-numru konsiderevoli ta' żmien.*

    2. *Riċentement l-intimati jew min minnhom, immolestaw lir-rikorrenti f'dan il-pussess meta abbużivament u illegalment għalqu jew b'mod ieħor ċaħħdu lir-rikorrenti mill-aċċess u l-użu tal-imsemmija miġra tal-ilma.*

*3. Dan l-aġir jikkostitwxxi molestja għad-dannu tar-rikorrenti esponenti.*

*4. Interpellati permezz tad-debitu att ġudizzjarju, sabiex jirripristinaw l-aċċessibilita' u l-użu ta' din il-miġra tal-ilma, l-intimati baqgħu inadempjenti.*

*5. Ir-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti in toto.*

*Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*1. Tiddikjara fit-termini tal-Art. 534 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li r-rikorrenti ġew immolestati mill-intimati jew min minnhom, fil-pussess tagħhom tal-għalqa ġewwa l-Għemmieri, fil-limiti tar-Rabat, meta dawn abbużivament u illegalment għalqu jew b'mod ieħor ċaħħdu lir-rikorrenti mill-aċċess u l-użu tal-miġra tal-ilma fuq imsemmija.*

*2. Tiddikjara li r-rikorrenti għandhom il-jedd jissoktaw, u allura jinżammu fil-pussess tal-għalqa ġewwa l-Għemmieri, fil-limiti tar-Rabat, u konsegwentement tal-miġra tal-ilma.*

*3. Tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirripristinaw l-aċċess għal u allura l-użu tar-rikorrenti tal-miġra tal-ilma li biha hija mogħnija l-għalqa ġewwa l-Għemmeri, fil-limiti tar-Rabat li tagħha r-rikorrenti għandhom il-pussess.*

*4. F'każ ta' inadempjenza mat-terminu prefiss skont it-talba preċedenti, tawtorizza lir-rikorrenti iwettqu dawk l-atti kollha, okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi minnha maħtura, meħtieġa sabiex jiġi ripristinat l-aċċess għal u allura l-użu tar-rikorrenti tal-miġra tal-ilma li biha hija mogħnija l-għalqa ġewwa l-Għemmieri, fil-limiti tar-Rabat li tagħha r-rikorrenti għandhom il-pussess.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-att ġudizzjarju premess kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2018 l-konvenuti rrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament l-atturi ma setgħux jistitwixxu din il-kawża, 'actio manutemonis' stante li t-titolu tagħhom u/jew il-pussess tagħhom ta' l-għelieqi minnhom msemmija ma huwiex wieħed li jippermetti li jressqu tali azzjoni;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ebda wieħed mill-partijiet ma għandu titolu fuq is-sors ta' l-ilma allegat, liema sors ta' ilma huwa proprieta tal-Gvern ta' Malta u/jew il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-*

*Ilma u kull użu mill-istess jista' jsir b'konċessjoni minn l-istess awtoritajiet kompetenti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi għaliex, in pessima ipotesi, l-istess atturi, jekk qatt jistgħu jivvantaw forma ta' pussess, dan ottjenewh bi vjolenza u bil-moħbi u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet u rekwiżiti ad validitatem ta' l-Art. 534 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi ma għandhomx jintlaqgħu in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu bbażati fuq allegazzjonijiet inveritiera kif del resto ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn i1-proċeduri u fi kwalunkwe każ il-konvenuti qatt ma mmolestaw lill-atturi fil-pussess ta' ħwejjiġhom u dejjem aġixxew in linea mal-liġi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2019, il-partijiet qablu illi kellha tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat, u għalhekk il-provi ġew invertiti.

4. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2019 l-atturi ppreżentaw dokument datat 5 ta' Ottubru 2018 maħruġa mill-Malta Resources Authority (fol 21), fejn John Camilleri u Carmel Camilleri ġew indikati bħala "*registered users for the spring ... located at Għammieri l/o Rabat*".

5. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020, l-atturi eżebew dokumenti dwar titolu li għandhom fuq l-għalqa ġewwa l-Għammieri, limiti tar-Rabat, ossija rċevuti tal-kera għall-qbiela minnhom imħallsa (fol 29 sa 46).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **George Cassar**, rappreżentant tal-Malta Resources Authority, u prodott mill-intimati, liema xhieda ngħatat fis-26 ta' Novembru 2020 (fol 58) u rat id-dokumenti minnu eżebiti (fol 63).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Adrian Sciberras**, rappreżentant tal-Water Services Corporation, mogħtija fis-26 ta' Novembru 2020 (fol 64).

8. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Adrian Sciberras mogħtija fis-16 ta' Frar 2021 (fol 68).

9. Rat l-affidavit ta' **Spiridione Saliba,** Technical Officer fil-Hydrology Section tal-Water Works Department, ippreżentat mill-intimati fis-16 ta' Ġunju 2021 (fol 72) u rat id-dokument, ossija Dikjarazzjoni, datata 24 ta' Frar 1993 fuq użu ta' ilma li kien qiegħed jintrema mill-Korporazzjoni, mibgħuta minn Carmelo Galea, Joseph Galea, Paul D'Anastas, Paul Micallef, Charlie Grech u Lawrence Azzopardi lil Water Services Corporation u eżebita bħala Dok SS1 (fol 73).

10. Semgħet ix-xhieda tal-**Inġinier Adrian Sciberras**, Manager tan-North region fuq Ilma Potabbli fi ħdan il-Water Services, u mogħtija fis-17 Novembru 2021 (fol 76).

11. Semgħet ix-xiehda tal-**Inġinier Sigmund Galea**, Inġinier mal-Water Services Corporation, mogħtija fid-9 ta' Frar 2022 (fol 79A).

12. Rat illi fid-9 ta’ Frar 2022 ġie dikjarat mill-intimati illi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, ma kellhomx aktar provi.

13. Rat illi fid-9 ta’ Frar 2022, ir-rikorrenti talbu illi jressqu provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

14. Rat l-affidavit ta' **Carmelo Galea** ippreżentat mir-rikorrenti fid-9 ta' Frar 2022 (fol 80).

15. Rat ix-xhieda permezz ta' video conference ta’ **Karl Borg**, rappreżentant tal-Awtorita’ tal-Artijiet, tat-12 Mejju 2022 (fol 90).

16. Rat l-affidavit ta' **Carmelo Camilleri** ippreżentat mir-rikorrenti fit-12 ta’ Mejju 2022 (fol 93).

17. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' George Cassar mogħtija fit-12 ta’ Diċembru 2022 (fol 101) u rat id-dokumenti minnu eżebiti, ossija il-File Nru MRA/BH/2019/08 (fol 105).

18. Rat li fit-12 ta' Diċembru 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, wara li jingħalqu l-provi tal-partijiet.

19. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-intimati tat-30 ta' Jannar 2023 (fol 111).

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-atturi tal-1 ta' Marzu 2023 (fol 132).

**Fatti tal-każ**

21. Jirriżulta li l-atturi għandhom titolu ta' qbiela fuq għalqa ġewwa l-Għammieri fil-limiti tar-Rabat, liema għalqa tagħmel użu minn miġra tal-ilma.

22. Jirriżulta li l-atturi għandhom detenzjoni u użu fuq il-miġra. Iżda, r-rikorrenti jikkontendu li reċentement, l-intimati immolestaw lir-rikorrenti f'dan il-pussess u detenzjoni tal-miġra billi għalqu u ċaħħdu lill-atturi mill-aċċess u użu tal-imsemmija miġra tal-ilma.

23. Jirriżulta li l-atturi, ġabu l-provi dwar iż-żewġ titoli tagħhom, kemm fuq ir-raba u kemm fuq il-miġra, fejn jidher li huma għandhom titolu ta' qbiela fuq l-imsemmija raba iżda huma biss l-utenti reġistrati mal-Awtorità tar-Riżorsi fuq il-miġra w is-sors tal-ilma, kif jidher minn Dok MC1 fol 94 u minn Dok GC1.

24. Illi jirriżulta mix-xhieda ta' Karl Borg, in rappreżentanza tal-Awtorità tar-Riżorsi, li l-Awtorita’ tqabbel biss l-art u ma tidħolx fi kwistjonijiet ta' ilma; u li bħala Awtorità tar-Riżorsi, tieħu ħsieb is-sors tal-ilma hi.

25. Jirriżulta wkoll, mix-xhieda tal-Inġinier Sigmund Galea, bħala rappreżentant tal-Water Services Corporation, illi l-miġra tal-ilma in kwistjoni kienet propjeta’ ta’ l-istess Korporazzjoni (fol 79A tergo).

## Ikkunsidrat

## L-ewwel eċċezzjoni preliminari

26. Illi, fuq talba tal-partijiet illi saret fid-29 ta' Marzu 2019, dina l-Qorti kellha, preliminarjament, tisma' u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati. Għalhekk, ser tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati.

27. Tramite l-ewwel eċċezzjoni preliminari, li hija eċċezzjoni ta' natura legali, ġie sollevat li r-rikorrenti ma setgħux jistitwixxu dan il-każ bħala *actio manutentionis* stante li t-titolu tagħhom u/jew il-pussess tagħhom tal-imsemmija raba u ilma mhuwiex wieħed li jippermetti li jressqu tali azzjoni.

28. Jingħad fl-ewwel lok, illi l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-**Artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili**, li jipprovdi hekk:

> *"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalita` ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi immolestat f'dak il-pussess, jista' fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju."*

29. Huwa imperattiv li f'dan il-każ tiġi determinata n-natura tal-azzjoni odjerna.

30. Kif ribadit fil-każ **Maria Mifsud Bonnici vs Victor Attard et** (82/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April 2009:

> *"Il-prinċipju regolatur li għandu jiddetermina n-natura tal-azzjoni huwa dak li jemerġi mill-att promotorju stess, li fil-każ in eżami hija ċ-ċitazzjoni attriċi."*

31. Minn eżami taċ-ċitazzjoni u t-talbiet tal-atturi, kif ukoll mill-eċċezzjonijiet, jemerġi, evidentement, li din hija *actio manutentionis*.

32. L-atturi, fis-sottomissjonijiet tagħhom, sostnew, li huma jaħdmu r-raba li tinsab fl-Għammieri fil-limiti tar-Rabat f'Malta, liema raba huwa mqabbel lilhom mill-Gvern ta' Malta. Ġie spjegat li taħt din ir-raba hemm miġra tal-ilma, u l-ilma tagħha jiżbokka fir-raba mqabbla lill-atturi.

33. L-atturi qed jikkontendu li huma utenti ta' din il-miġra tal-ilma, u li huma jżommu bi qbiela r-raba li jinsab madwarha. Ġie sottomess ulterjorment, hekk kif irriżulta mill-provi, li t-titolu tal-atturi fuq ir-raba' u t-titolu fuq il-miġra ġew approvati b'dan il-mod. Saret referenza għal dokument tal-Malta Resources Authority (Dok MC1 fol 94), li juri li Carmelo Camilleri, missier Vince Camilleri, wieħed mill-atturi, huwa utenti reġistrat mal-Awtorità tar-Riżorsi. Għalhekk, skond ir-rikorrenti, dan juri li l-atturi huma utenti ta' dan is-sors ta' l-ilma.

34. Jirriżulta wkoll mill-provi in atti, li Karl Borg, li xehed in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Artijiet, fejn sostna li l-Awtorità tqabbel biss l-art, u ma tidħolx fil-kwistjonijiet tal-ilma.

35. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti, fis-sottomissjonijiet tagħhom, issottolinjaw il-fatt li jirriżulta b'mod manifestament ċar mill-provi, li l-atturi huma biss inkwilini ta' l-art li huma jaħdmu peress li l-art hija mqabbla lilhom, u li taħt din ir-raba allegatament għaddej is-sors tal-ilma, ossija il-miġra, mertu ta' din il-vertenza.

36. Jirriżulta indubbjament mir-riċevuti ippreżentati mill-istess atturi fol 28, li huma inkwilini, gabillotti tal-art maħduma minnhom, u li s-sid ta' l-art maħduma minnhom huwa l-Gvern ta' Malta. Mhuwiex ikkontestat għaliex jirriżulta mill-provi fattwali, li l-atturi rreġistraw ruħhom bħala utenti tal-miġra mal-Awtorità tar-Riżorsi fil-5 ta' Ottubru 2018, kif jidher minn fol 21.

37. Madankollu mix-xhieda ta' George Cassar tat-12 ta' Diċembru 2022, jirriżulta ċar li r-reġistrazzjoni mal-Awtorità tar-Riżorsi ma tagħtix titolu, iżda tagħti biss użu tal-ilma li huwa tollerat, u għalhekk jirriżulta li s-sors tal-ilma huwa tal-Gvern ta' Malta.

38. Minn dawn ir-riżultanzi fattwali, il-konvenuti jikkontendu, li jidher ċar li l-atturi ma jgawdu ebda tip ta' titolu, kif rikjest għall-*actio manutentionis*, kwindi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom għandha tintlaqa'.

39. In sostenn għall-argument tagħhom, il-konvenuti fis-sottomissjonijiet tagħhom, jagħmlu referenza għal żewġ ġudikati, li jinsabu annessi mas-sottomissjonijiet tagħhom, fl-ismijiet **George Camilleri vs George Bonello** 543/2001/1 deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru 2005, kif ukoll il-każ fl-ismijiet **Kenneth Abela et vs Joseph Cefai et**, 32/2017 deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fis-27 ta' Novembru 2018. F'dawn iż-żewġ ġudikati, fil-fatt, jirriżulta li l-azzjoni kontemplata f'dan il-każ, skont l-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili ma tispettax lill-inkwilin iżda lil min huwa pussessur skont kif definit fl-istess liġi.

40. Huwa imperattiv li jigi stabbilit, li l-azzjoni odjerna mhijiex petitorja, izda wahda ta' natura possessorja. Dwar l-*actio manutentionis,* tajjeb jingħad, li din hija azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja.

41. Rigward l-iskop ta' azzjonijiet possessorji, **Ricci** jispega s-segwenti:

> *"il-possesso……..e' costituito da una condizione di fatto che la legge, nell' interesse dell'ordine sociale, vuole sia rispettata. Nell intento di assicurazione questo rispetto, essa accorda l'esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che sige rispetto." (Corso Teorico- Pratico di Diritto Civile Vol. V 92).*

42. Kif ritenut fil-ġurisprudenza l-*Actio Manutentionis* ai termini tal-**Artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili** tirrikjedi dawn l-elementi essenzjali:

a) Il-pussess ta' ħaġa immobbli jew ta' universalita` ta' ħwejjeġ mobbli
b) L-atti li jikkostitwixxu l-molestja għal dan il-pussess
c) Il-proponiment tal-azzjoni fi żmien sena mill-molestja

43. Kif tajjeb sottomess mill-konvenuti, fis-sottomissjonijiet tagħhom, fil-ġurisprudenza nostrana, fil-każ **Mamo Domenica et vs Galea Antonia et** (1536/1997/1) deċiża mill-Prim’ Awla Qorti Ċivili fit-18 ta’ Frar 2004, ingħad is-segwenti:

> *“Azzjoni bħal din timmira biex tassigura godiment paċifiku tal-pussess u biex tinibixxi lil kulħadd li jittraduċi ruħu f'ostakolu għall-iżvolġiment tal-eżerċizzju ta' dritt sostantiv tal-pussess. Il-finalita’ tagħha hija dik allura ta' funzjoni konservattiva tal-pussess u ċessazzjoni tal- molestja.*
>
> *Dan jiddifferenzja markatament minn azzjoni ta' spoll, għaliex filwaqt li l-azzjoni ta' manutenzjoni hija mmirata biex tipproteġi l-pussess li jista' jiġi turbat, jew anke eventwalment vjolat jew imxejjen, l-azzjoni ta' spoll hija immirata lejn il-vjolenza jew il-klandestinità tal-ispoll.*
>
> *Il-pussess tutelabbli li jilleġittima l-azzjoni u dak definit fl-artikolu 534(1) tal-Kapitolu 16. Pussess li allura għandu jkollu rekwiżiti l-karattru tal-pussess ad usucapionem, ossia il-pussess paċifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. Pussess li kellu jfisser bħala minimu detenzjoni ta' ħaġa animo domini. Kien għalhekk li jinsab ritenut illi azzjoni ta' din ix-xorta ma tistax tiġi eżerċitata minn persuna li kienet per eżempju sempliċi inkwilina tal-fond li fih saret il-molestja li tkun trid tiġi respinta dik l-azzjoni.*
>
> *Mhux meħtieġ li tali pussess ikun esklussiv.*
>
> *Għal dik li hi molestja din tista' tkun tant ta' fatt kemm tad-dritt imma timplika dejjem kontradizzjoni għall-pussess fil-liġi tagħna ‘ta’ liema xorta tkun.’. Hi esterna ruħha b’fatt kompjut kontra l-volonta tal-possessur u bl-animus contrarius, li jostakola l-pussess jew ibiddel jew jillimita l-mod kif dan kien jiġi qabel* esplikat, *anke mingħajr ma l-molestanti jafferma għalih stess pussess kuntrarju.*
>
> *F’actio manutentionis ma jistgħux jiġu sollevati kwistjonijiet ta’ natura petitorja. Tali materja ma jista' jkollha ebda influwenza fuq din l-azzjoni ta' natura purament possessorja.*
>
> *L-actio manutentionis bħal-actio spolii, tista’ tkun, u anzi għandha tkun, diretta kontra l-persuna li materjalment ikun responsabbli għall-aġir abbużiv turbattiv tal-pussess, indipendentement minn kull kunsiderazzjoni oħra. L-azzjoni hi mmirata biex jiġi re integrat l-istat tad-dritt billi min kien responsabbli biex jiddisturba l-istatus quo, vjolentement, abbużivament jew klandestinament jiġi kkundannat li jqiegħed kollox kif kien qabel bħala pre-rekwiżit qal li dan ġie dwar id-drittijiet reċiproċi bejn il-litiganti.”*

44. Permezz ta’ din l-azzjoni, l-atturi qed jilmentaw prinċipalment mill-fatt li ġew imċaħħda mill-aċċess u l-użu tal-imsemmija miġra tal-ilma, b’hekk qed jitolbu li jiġu ripristinati fl-aċċessibilità u fl-użu ta' din il-miġra tal-ilma. Dan huwa prinċipalment dak li joħroġ mill-premessi u mit-talbiet kif dedotti.

45. Huwa ovvju u mhuwiex ikkontestat, li l-eżistenza tar-raba mqabbla lill-atturi, u l-eżistenza tal-miġra tal-ilma huma distinti minn xulxin. F'dan ir-rigward, mill-provi

jirriżulta wkoll li it-titolu tal-atturi fuq ir-raba huwa dak ta' qbiela, u kif ammess mill-istess atturi fis-sottomissjonijiet, it-titolu tagħhom fuq il-miġra tal-ilma huwa biss ta' utenti.

46. Applikati l-prinċipji suċitati fil-ġurisprudenza, speċifikatament dwar l-element tal-pussess, għall-każ in eżami, jirriżulta ampjament ċar, li l-atturi m'għandhomx it-titolu rikjest mil-liġi għal din l-azzjoni fuq ir-raba in kwistjoni, u lanqas fuq il-miġra tal-ilma.

47. Jirriżulta ċar ukoll illi tali miġra hija propjeta’ tal-Water Services Corporation w r-rikorrenti ma jgawdu ebda titolu fuq tali miġra għajr għal użu b’mera tolleranza.

48. Għaldaqstant, huwa evidenti, li l-atturi ma jistgħux jeżerċitaw din l-azzjoni peress illi t-titolu meħtieġ għas-suċċess ta’ tali azzjoni ma ġiex ippruvat.

49. Konsegwentement, għal dawn il-motivi, tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, u tiċħad it-talbiet tal-atturi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha u semgħet ix-xhieda ppreżentati dwar l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimati;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati dwar l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimati;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta’ l-intimati għar-raġunijiet spjegati.

Konsegwentement:

**Tiċħad** it-talbiet tal-atturi.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku tal-atturi.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur